MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Numru 591/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**Vs**

Pierre Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Pierre Mifsud karta ta' identita' numru 170767M akkuzat talli nhar il-15 ta' Marzu 2002 fi Triq il-Ferrovia Sta Venera ghal habta tal-10:15 a.m.

1. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Local Waren 224 Joseph Gauci Borda, persuna inkarigaa skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti – dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. attakka jew ghamel resistenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra l-Local Warden 224 Joseph Gauci Borda, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li din il-persuna kienet tagixxi fl-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita’ kompetenti – dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. aggredixxa jew irrezista bi vjolenza lill-Gwardjan Lokali 224 Joseph Gauci Borda fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu taht l-Att Nru. XIII tal-1996 – ‘Private Guards and local Wardens Act 1966’. Dan bi ksur tal-Artikolu 19(1)(2);

4. saq vettura nru. NEW 031 t’ghamla Mitsubishi Pajero (a) b’mod traskurat, (b) perikoluz; (c) bla kont; (d) ostakola l-bankina fl-imsemmija triq; u (e) li kien qieghed jitkellem fuq il-mobile phone meta kien isuq l-imsemmija vettura;

5. ikkaguna hsara involontarja fil-“hand-held computer” ghad-detriment tal-kumpanija ‘The Gurad & Warden Services Ltd’;

6. hu recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 01.02.01 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula – bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma li fil-gurnata, lok u hin imsemmija fic-citazzjoni, l-imputat, li kien qieghed isuq il-vettura tieghu, twaqqaf mill-Gwardjan Lokali Joseph Gauci Borda ghaliex kien osservat jitkellem

fuq ic-cellulari u dan waqt li kien qieghed isuq. L-imputat rrejagixxa u agredixxa lill-istess Gwardjan Lokali. Qed jigi allegat li kkagunalu feriti hfief fuq il-persuna tieghu u li ghamel hsara involontarja lill-“hand-set computer” proprjeta’ tas-socjeta’ li timpjega lill-kwerelant. L-akkuzi jinkorporaw ukoll sewqan traskurat, perikoluz u bla kont in aggunta ma’ infrazzjoni ohra li ostakola l-bankina.

Trattati l-akkuzi, l-ewwel tnejn, jippotizzaw l-offiza ta’ ingurji u theddid jew offizi lill-persuna, u l-attakk u resistenza, izda biss, li jigu kommessi fuq jew kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-Artikoli in kwistjoni huma l-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9 rispettivament. Issa in kwantu ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 95 dan jiskatta fil-waqt li dik il-persuna ‘jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel’ is-servizz pubbliku, “mentri fil-kaz tal-Artikolu 96 isehh fil-waqt ‘li dak l-ufficjal pubbliku jkun jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti”. L-imsemmija zewg artikoli huma inkluzi fis-Sub-Titolu II li jittratta ufficjali pubblici u ghalhekk sabiex jreggu r-reati ivi dedotti kontra l-imputat a bazi taghhom irid fl-ewwel lok u sine qua non jirrisulta li l-Gwardjani Lokali ghandhom din il-figura ta' ufficjali pubblici. Mill-provi in atti dak li jirrisulta hu li l-Gwardjani Lokali huma impjegati ta’ socjeta’ bl-isem ‘Guardian and Warden House Ltd’. L-Att li kkostitwithom (Kap 389) ukoll ma tahtihomx il-figura ta’ ufficjal pubbliku. Ghalhekk l-offizi sakemm ipotizzati a bazi taz-zewg artikoli tal-Kap 9 fuq imsemmija ma jreggux. L-imsemmi Kap 389 pero’ jipprevedi fl-Artikolu 19 l-offiza in meritu u taht dan l-aspett u fuq l-iskorta ta’ dan l-artikolu, stante li l-attakk kontra l-Gwardjan Lokali jirrisulta wisq car. Jirrisulta wisq car, ir-reat jissusisti. Isegwi li l-imputat irrenda ruhu passibbli ghall-piena hemm kontemplata u ghalhekk ghandu jinstab hati tat-tielet akkuza.

In kwantu ghar-recidiva din ma tistax tirrisulta minhabba s-semplici fatt li ebda sentenza, in sostenn, ma giet esebita u f’dan is-sens dak verbalizzat fl-udjenza a folio 31 ma jista jkollu ebda effett in mankanza ta’ xi sentenza li kienet anterjorment sabet l-imputat hati ta’ xi reat. F’dan il-

kuntest ghandu wkoll jigi notat li lanqas ma giet esebita l-fedina penali tal-imputat.

Rigward l-akkuza tal-hsara involontarja hi wkoll ma tirrisultax sodisfacjentement pruvata u dana billi principalment il-prova in sostenn taghha la hi cara u lanqas konsegwentement konklusiva. M'hemmx, fi kliem iehor, in-ness car u konklusiv li l-hsara fil-'hand-set computer' giet effettivament kawzata mill-imputat.

Mill-bqija, senjatament rigward l-offizi prospettati taht r-raba akkuza, li jirrisulta pruvat hu biss l-uzu tac-cellulari waqt li l-imputat kien qieghed isuq il-vettura.

Inghad l-fuq espost, tiddecidi l-kawza billi fil-waqt li ma ssibx l-imputat hati ta' l-ewwel, t-tieni, r-raba, l-hames (b'referenza ghas-sewqan traskurat, perikoluz, bla kont u wkoll li ostakola bankina) u s-sitt akkuza, izda ssibu hati tat-tielet u l-hames ghal dak li jirrigwarda t-telefon cellulari. Rat l-Artikolu 19 tal-Kap 389, r-regolament tal-Avviz Legali relattiv u l-Artikolu 221 u 17 tal-Kap 9 u tikkundanna l-imputat ammenda ta' Lm25 fuq dik il-parti tal-hames akkuza li tahta qieghed jinstab hati u tilliberah mill-kumplament tal-akkuzi li taghhom qieghed jinstab hati bil-kundizzjoni taghhom pero' li ma jikkommettix reat iehor ghal sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------